# KANONĊI ELENJANI (1898 - 1914)

**Winston Lawrence Zammit B.A. (Hons.) M.A.**

Fil-ħarġa tal-programm tal-Festa ta' l-1984. kont tajt noti biografiċi qosra, dwar xi Saċerdoti li ġew eletti membri tal-Kapitlu Elenjan bejn l-1882 u l-1895. Fil-ħarġa ta din is-sena sejjer nagħti tagħrif dwar xi Saċerdoti oħra li ġew eletti bħala membri tal-Kapitlu bejn l-1898 u l-1908.

**KAN. DUN PAWL CANNATACI S. Th. D.** Iben l-arġentier Francesco Saverio Cannataci u Francesca Frangipani[1]. Twieled fl-1871[2] u ġie ordnat saċerdot fit-22 ta Diċembru 1894[3]. Fid-29 ta' Settembru tas-sena ta' wara ngħata d-Dottorat fit-Teoloġija mill Kulleġġ ta l-Istudju tal-Patrijiet Dumnikani mwaqqaf fil-Kunvent ta' Santa Marija ta' l-Għar ir-Rabat[4]. Dun Pawl li ħa l-pussess ta' Kanonku tal-Kolleġġjata Elenjana fit-2 ta' Marzu 1898[5] kien responsabbli għall-ġbir tal-flus għall-Propagazzjoni tal-Fidi f'B'Kara u għal dan il-għan kien iħabrek ħafna. Kien ukoll membru attiv tas-Soċjeta ta' San Vinċenz[6]. Miet fid-29 ta' Lulju 1927 fl-eta ta' 56 sena[7].

1. Tagħrif mogħti lill-awtur mis-Sur Richard Cannataci; 24-VIII-1983.
2. A(rkivju) K(urja) A(rċiveskovili). Manusktritt bl-isem ta' Sacerdotium Omnium qui Dei Majori Gloria animorumque saluti Ep Mauro Caruana O.S.B. in Diocesi Melitensi dant speram.
3. Tagħrif minn fuq is-Santa tal-ġublew tal-Fidda ta' l-Ordinazzjoni tal-pussess tan-neputi tiegħu s-Sur Richard Cannataci.
4. Tagħrif meħud mid-Diploma stess fil-pussess tan-neputi tiegħu s-Sur Richard Cannataci.
5. A.K.A. Recenti Collazioni dei Canonicati di B'Kara 1859-1906 f 299r, 299v.
6. Gwida Generale di Malta egoro 1908 p.145. S. Borg Olivier "Rikorju tas-16-il Centenarju ta' Sant'Elena 328-1928 (Malta 1928/ p23. u l-Ecc.di Nazareth Oct. Dic 1927 p407).
7. Ordo 1928.

**KAN. DUN GUGLIELMO GRECH ELLUL.** Twieled fl-1867[8]. Ġie ordnat Saċerdot fit-23 ta' Diċembru 1893 u ċċelebra l-ewwel quddiesa solenni tiegħu fil-Kolleġġjata Elenjana fis-7 ta' Jannar 1894[9]. Ħa l-pussess ta' Kanonku fit-13 ta' Marzu 1898[10]. Kien Prokuratur ta' l-Erwieħ u ta' l-altar tal-Madonna tal-Karmnu[11] u fl-1928 għamel a spejjes tiegħu z-zokklatura tar-rħam tal-kappella tal-Karmnu [12]. Bit tħabrik tiegħu fl-1932 fl-okkażjoni tal-Festa ta' Sant'Elena, żżanżan il-ventartal tal-fidda ta' l-altar tal-Madonna tal-Karmnu[13] a spejjes tiegħu fl-1934 ġie ċċangat bl-irħam il-kuridur ta' wara l-kor li jgħaqqad iż-żewġ sagrestiji[14]. Miet fil-21 ta' Ġunju 1934[15].

8. A.K.A. Sacerdotum Omnium op. cib p.40
9. A.K.A. Catalogus Ordinatorum 1889-1902 p59, Gazzetta di Malta Corriere Mercantile Maltese, 11-1-1894.
10. A.K.A. Recenti Collazioni op. cit. f.302R.
11. A.K.A. Sacerdotum Omnium op. cit. p.40.
12. Ara l-lapida fl-imsemmija kappella.
13. Leħen is-Sewwa, 13-VIII-1932.
14. Ara l-lapida fil-paviment tal-imsemmi kuridur.
15. A(rkivju) P(arrokkjali) B(Kara) Libro Morte XIV.

**KAN. DUN GILJAN ZAMMIT D.D.** Iben Ġlormu Zammit u Aloysia Borg. Twieled fit-22 ta' Jannar 1870. Kien joqgħod f'San Ġiljan u bħala kjeriku serva fil-knisja ta' San Ġiljan li kienet Viċi Parroċċa, billi f'dak iż-żmien San Ġiljan kien għadu jagħmel parti mill-parroċċa ta' B'Kara[16]. (San Ġiljan sar parroċċa fl-1891). Ġie ordnat Saċerdot fit-23 ta' Diċembru 1893[17]. Fl-1897, ġie nominat bħala t-tieni kappillan tal-parroċċa ta' San Ġiljan u ħa l-pussess fis-27 ta' Novembru 1897[18]. Huwa mexxa l-parroċċa ta' San Ġiljan sa l-1904[19]. Fid-9 ta' Settembru, Dun Ġiljan ħa l-pussess ta' Kanonku tal-Kolleġġjata Elenjana[20]. Huwa kien membru tal-Missjoni ż-żgħira, u fir-Randan ta' l-1906 mar Tunes, fejn għamel il-priedki tar- Randar għall-Maltin[21]. Huwa miet fit-23 t'Awissu 1909[22].

16. A.K.A. Recenti Collazioni, op. cit. f364R, 3665R.
17. A.K.A. Catalogus Ordinatum 1889-1902 p59.
18. L-Ordine 16 XI-1897, 30-xi-1897.
19. J. Borg "Arċipriet u Kappillani minn B'Kara. F'B'Kara Tagħrif 1980 p.43.
20. A.K.A. Recenti Collazioni op. cit. f 377R.
21. Guida Generale di Malta e Gozo 1908 p131. Malta Tagħna 7-IV-1906.
22. Ordo 1911.

**KAN. KUSTANZ MUSCAT.** Ġie ordnat Saċerdot fil-21 ta' Diċembru 1895[23] u ħa l-pussess ta' Kanonku fid-29 ta' Diċembru 1905[24]. Fl-1918 Dun Kustanz ġie maħtur bħala wieħed mit-tliet delegati tal-Kapitlu għall-Assembleja Nazzjonali[25]. Dun Kustanz li kien ukoll. Dekan tal-Kapitlu[26] kellu wkoll il-kariga ta' Prokuratur tal-Mensa Kapitulari[27]. Miet fit-8 ta' Mejju 1949 fl-eta ta' 76 sena[28].

23. Ordo 1897.
24. Recenti Collazioni dei Canonicati op. cit. f 392R.
25. Malta Tagħna 28-XII-1918.
26. Leħen is-Sewwa, 14-V-1949.
27. A.K.A. Canonicati di B'Kara 1908-ċ949.
28. Leħen is-Sewwa 14-V-1949.

**KAN. PAWLIN BUSUTTIL.** Twieled fl-1878[29]. Fid-29 ta' Dicembru 1898 meta kien għadu kjeriku ġie elett Kanonku Penitenzier tal-Kolleġġiata. Ħa l-pussess ta' kanonku fit-12 ta' Frar 1906, u ġie ordnat Saċerdot fil-21 ta' Diċembru 1907[30]. Dun Pawlin li kien ukoll Kanonku. Teżorier tal-Kapitlu[31] ħadem ħafna fost it-tfal Karkariżi. Kien Direttur ta' l-Istitut li ġie mwaqqaf fl-1920 fil-knisja ta' San Pawl tal-Wied għat-tagħlim tad-Duttrina lill-Bniet, u Direttur Spiritwali ta' l-iskola primarja tas-subien f'B'Kara[32]. Miet fid-9 ta' Mejju 1943[33].

29. A.K.A. Sacerdotum Omnium op. cit. p85.
30. A.K.A. Recenti Collazioni op. cit. f 440R, 455R. A.K.A. Catilogus Ordinatorum 1902-1914 p37.
31. Annuario della Diocesi di Malta, Anno l-1932 p.24.
32. J. Vella "Xi tagħrif dwar il-Knisja li hemm illum" fil-ktieb Il-Knisja Filjali ta' San Pawl Appostlu B'Kara (1907) p.23, u Annuario della Diocesi di Malta Anno l-1932 p.36, 131.
33. Leħen is-Sewwa. 15-V-1943.

**KAN. LAWRENZ SAMMUT.** Twieled fl-1872[34] u ġie ordnat Saċerdot fis-19 ta' Diċembru 1898[35]. Kien kappillan tal-kor u Sagristan Maġġur fil-Kolleġġjata[36] u ħa l-pussess ta' Kanonku fit-30 ta' April 1906[37]. Dun Lawrenz li ħadem ukoll fl-Oratorju ta' B'Kara[38] miet fis-26 ta' Novembru 1942[39].

34. A.K.A. Sacerdotum Omnium, op. cit. p65.
35. A.K.A. Catalogus Ordinatorum 1889-1902 p120.
36. A.K.A. Recenti Collazioni op. cit. f397R, 404R.
37. IBIO f478R
38. Annuario della Diocesi di Malta op. cit. p.130.
39. A.P.B. Libro XIV, Morte.

**KAN. PATIST CASHA.** Twieled fl-1871[40] u ġie ordnat saċerdot fl-1896. Fl-1897 ġie maħtur bħala kappillan tal-kor fil-Kolleġġjata Elenjana, u fl-1901 Vicendarju tal-Knisja tal-Madonna tal-Mensija. Kien ukoll jgħallem id-Duttrina kemm fil-Kolleġġjata Elenjana u kemm fil-Knisja tal-Madonna tal-Ħerba[41]. Dun Patist ġie elett Kanonku fis-Seduta Kapitolari li saret fit-3 ta' Frar 1906, iżda ħa l-pussess fit-22 ta' Diċembru 1908[42]. Kien Prokuratur ta' l-Agunija[43]. Miet fis-26 ta' Settembru 1936[44]

40. A.K.A. Sacerdotium Omnium., op. cit. p60.
41. A.K.A. Recenti collazioni, op. cit f 335R.
42. A.K.A. Canonicati di B'Kara (1908-1949)
43. A.K.A. Sacerdutium Omnium op. cit. p60.
44. A.P.B. Libro XIV, Morte.